



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13493/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0350(NLE)

WTO 256
AGRI 517
PECHE 405

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 672 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 672 final.

Mehmuż: COM(2021) 672 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.11.2021
COM(2021) 672 final

2021/0350 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il Konferenza
Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ b'konnessjoni mal-adozzjoni prevista ta' diversi deċiżjonijiet. Din il-proposta tkopri l-oqsma li ġejjin:

1. Sussidji tas-sajd
2. Kummerċ u saħħa
3. Miżuri relatati mal-proprjetà intellettuali, kif previst fil-Ftehim TRIPS fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19 u pandemiji oħra
4. Titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura
5. Appoġġ domestiku fl-agrikoltura
6. Ħażna pubblika għal skopijiet ta' sigurtà tal-ikel
7. Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-agrikoltura, inkluż l-eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-Programm Dinji tal-Ikel
8. Kompetizzjoni fl-esportazzjoni fl-agrikoltura
9. Aċċess għas-suq fl-agrikoltura
10. Mekkaniżmu ta' salvagwardja speċjali (SSM) fl-agrikoltura
11. Rieżami tal-Ftehim għal Dispożizzjonijiet Amministrattivi dwar il-Kwoti Tariffarji ta' Prodotti Agrikoli (Id-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji)
12. Qoton
13. Pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) u Trattament speċjali u differenzjali (SDT)
14. Notifiki
15. Tħassib kummerċjali

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("Ftehim tad-WTO")

Il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") għandu l-għan li jilħaq l-oġettivi msemmija fil-preambolu tal-Ftehim. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

L-Unjoni Ewropea (UE) hija parti għall-Ftehim¹. Is-27 Stati Membri kollha huma wkoll partijiet għall-Ftehim. Id-WTO tista' tieħu deċiżjonijiet f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqqha ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

2.2. Il-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Il-Konferenza Ministerjali hija l-ogħla korp deċiżjonali tad-WTO u tiltaqa' mill-inqas darba kull sentejn. Fil-prattika, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'konsensus.

Il-laqgħa li jmiss tal-Konferenza Ministerjali se ssir f'Geneva, l-Iżvizzera (bejn it-30 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru 2021).

2.3. L-atti previsti tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO

Fit-3 ta' Diċembru, it-12-il Konferenza Ministerjali ("MC12") tad-WTO hija mistennija tadotta diversi deċiżjonijiet rigward:

1. Sussidji tas-sajd
2. Kummerċ u saħħa
3. Miżuri relatati mal-proprjetà intellettwali, kif previst fil-Ftehim TRIPS fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19 u pandemiji oħra
4. Titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura
5. Appoġġ domestiku fl-agrikoltura
6. Ħażna pubblika għal skopijiet ta' sigurtà tal-ikel
7. Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-agrikoltura, inkluż l-eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-Programm Dinji tal-Ikel
8. Kompetizzjoni fl-esportazzjoni fl-agrikoltura
9. Aċċess għas-suq fl-agrikoltura
10. Mekkaniżmu ta' salvagwardja speċjali (SSM) fl-agrikoltura
11. Rieżami tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwota Tariffarja (TRQ)
12. Qoton
13. LDCs u SDT
14. Notifiki
15. Tħassib kummerċjali

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li l-UE tkun tista' tingħaqad ma' konsensus possibbli fid-WTO dwar l-adozzjoni mill-Konferenza Ministerjali tal-atti previsti.

Filwaqt li għadu mhuwiex ċar jekk, u sa liema punt, il-Membri tad-WTO humiex se jkunu jistgħu jilhqqu konsensus, il-pożizzjoni tal-UE fl-MC12 għandha tiġi stabbilita minn qabel mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE.²

Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-pożizzjoni tal-UE li tappoġġa l-estensjoni tal-moratorju fuq id-dazji doganali fuq trażmissjonijiet elettroniċi u l-estensjoni tal-moratorju fuq ilmenti tat-tipi previsti fis-subparagrafi 1(b) u 1(c) tal-Artikolu XXIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-

² Sal-punt li, għall-kuntrarju tal-aspettattivi kurrenti, il-konsensus kien formalizzat fi ftehim internazzjonali li jemenda l-ftehim tad-WTO jew fi ftehim internazzjonali plurilaterali bejn uħud mill-Membri tad-WTO, il-Kummissjoni tagħmel il-proposti neċessarji f'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE wara l-adozzjoni tat-testi u tal-ftuħ tagħhom għall-aċċettazzjoni mill-MC12 jew mill-membri tad-WTO kkonċernati matul l-MC12.

Kummerċ tal-1994 (ilmenti mhux marbuta ma' vjolazzjoni u lmenti dwar sitwazzjonijiet) mhux se jiġu inklużi f'din il-proposta peress li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2236 tas-27 ta' Novembru 2015 tipprovdi li dan jista' jsir fuq bażi indefinita.

Din il-proposta tkopri l-kwistjonijiet li ġejjin li dwarhom jistgħu jittieħdu d-deċiżjonijiet:

- **Sussidji tas-sajd:** L-ilħuq ta' ftehim multilaterali rigward regoli dwar l-eliminazzjoni ta' ċerti sussidji tas-sajd huwa previst fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 Mira 6 ("SDG 14.6") tan-Nazzjonijiet Uniti maqbula mill-Kapijiet tal-Istati fl-2015 u mid-Deċiżjoni Ministerjali tad-WTO tat-13 ta' Diċembru 2017 (WT/MIN(17)/64). In-negozjati jinsabu għaddejjin u jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu maqbul.
- **Kummerċ u Saħħa:** Id-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet ta' Kummerċ u Saħħa bdew fl-2020 bi proposta ta' 13-il pajjiż tal-istess fehma (il-"Grupp Ottawa") fid-WTO (WTO/GC/223) tal-24 ta' Novembru 2020 biex jintlaħaq qbil dwar Inizjattiva Kummerċjali u tas-Saħħa b'rispons għall-pandemiji attwali u futuri. L-UE kienet fost il-proponenti oriġinali tal-inizjattiva, li ssuġġeriet għadd ta' azzjonijiet relatati, b'mod partikolari, mar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-miżuri li jiffaċilitaw il-kummerċ u t-trasparenza mtejbja. Il-proposta ħeġġet ukoll lid-WTO biex tikkoopera aktar mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-ħidma dwar it-tnejn għall-kriżijiet. Maż-żmien, l-għadd ta' kosponsors żdied għal 26. Proposta riveduta għal Abbozz ta' Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ġenerali ġiet ippreżentata fid-WTO fil-15 ta' Lulju 2021 (WT/GC/W/823) rigward ir-rispons tal-politika kummerċjali għall-pandemija tal-COVID-19 u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra pandemiji futuri. Jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu potenzjali f'dan il-qasam dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-miżuri li jiffaċilitaw il-kummerċ, it-trasparenza mtejbja u elementi oħra inklużi fl-aħħar proposta għal abbozz ta' Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ġenerali. Dan jista' jinkludi wkoll programm ta' ħidma tad-WTO għall-ħidma wara l-MC12, li l-oġġettiv tiegħu jkun li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-Membri kontra pandemiji futuri.
- **Miżuri relatati mal-proprjetà intellettuali, kif previst fil-Ftehim TRIPS, fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19 u pandemiji oħra:** Dawn in-negozjati huma parti mid-diskussjonijiet li għaddejjin fid-WTO dwar kif is-sistema kummerċjali tista' ttejjeb l-aċċess globali għall-vaċċini kontra l-COVID-19 u t-terapewtika. Fil-21 ta' Mejju 2021, għadd ta' Membri tad-WTO ppreżentaw komunikazzjoni bi proposta riveduta għal eżenzjoni minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS għall-prevenzjoni, it-trażżin u t-trattament tal-COVID-19 (IP/C/W/669/Rev.1) lill-Kunsill tad-WTO tat-TRIPS. Fl-4 ta' Ġunju 2021, l-UE ppreżentat komunikazzjoni dwar rispons urġenti tal-politika kummerċjali għall-kriżi tal-COVID-19 (WT/GC/231) lill-Kunsill Ġenerali tad-WTO u komunikazzjoni dwar rispons urġenti tal-politika kummerċjali għall-kriżi tal-COVID-19: proprjetà intellettuali lill-Kunsill tad-WTO tat-TRIPS (IP/C/W/680). Fit-18 ta' Ġunju 2021, l-UE ppreżentat Komunikazzjoni b'abbozz ta' Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika fiċ-ċirkostanzi ta' pandemija (IP/C/W/681) lill-Kunsill tad-WTO tat-TRIPS. L-abbozz ta' dikjarazzjoni għandu l-għan li jiċċara jew jiffaċilita l-użu tas-sistema ta' liċenzjar obligatorja prevista fil-Ftehim TRIPS, sabiex din taħdem bl-aktar mod effiċjenti possibbli fiċ-ċirkostanzi ta' pandemija. Minħabba l-importanza ta' din il-kwistjoni, jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu f'konformità mal-Komunikazzjonijiet tal-UE msemmija hawn fuq. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE tkun flessibbli biżżejjed biex tqis in-natura dinamika tal-proċess li għaddej ibbażat fuq it-test inkluż fir-rigward tal-istrument użati mill-Konferenza Ministerjali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-UE tibqa' miftuħa li taċċetta

elementi oħra li għandhom l-għan li jtejbu jew jissimplifikaw l-użu tal-flessibbiltajiet eżistenti previsti fil-Ftehim TRIPS fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19, pandemiji oħra jew ċirkostanzi oħra ta' urġenza estrema relatati mas-saħħa pubblika li Membri oħra tad-WTO jistgħu jipproponu.

- **Titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura:** L-UE temmen bis-sħiħ li l-proposta tagħha (JOB/AG/213) għal Deċiżjoni Ministerjali dwar titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura kosponsorjata mill-Kanada, il-Ġappun u l-Istati Uniti tista' tikkostitwixxi bażi għal deċiżjoni fl-MC12. Il-proposta tinkludi ideat għal titjib fit-trasparenza fl-oqsma kollha tal-agrikoltura. Din hija inizzjattiva importanti għall-MC12 meta jitqies li l-pandemija ġeddet l-importanza ta' aktar trasparenza u prevedibbiltà tal-appoġġ agrikolu u l-kummerċ. Din l-inizzjattiva tista' tkun element kredibbli tal-aġenda tas-sigurtà tal-ikel indikata mid-Direttur Ġenerali tad-WTO bħala prijorità għall-MC12.
- **Appoġġ domestiku fl-agrikoltura:** In-negozjati dwar appoġġ domestiku li joħloq distorsjoni kummerċjali huma inkorporati fl-Artikolu 20 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agricoltura u kienu parti mill-mandat tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA), kif imnaqqax fid-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha tal-14 ta' Novembru 2001 (WT/MIN(01)/DEC/1). Minħabba d-diverġenza tal-pożizzjonijiet fin-negozjati, l-UE tara bħala eżitu possibbli, programm ta' ħidma wara l-MC12 dwar riforma tal-appoġġ domestiku li joħloq distorsjoni kummerċjali.
- **Ħażna pubblika għal skopijiet ta' sigurtà tal-ikel:** In-negozjati għandhom l-għan li jintlaħaq ftehim dwar "soluzzjoni permanenti" li tissodisfa l-għan stabbilit fid-Deċiżjoni Ministerjali ta' Bali tas-7 ta' Diċembru 2013 dwar Ħażna Pubblika għal Skopijiet ta' Sigurtà tal-Ikel (WT/MIN(13)/38-WT/L/913), kif interpretata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2014 (WT/L/939) sussegwenti. Dan l-għan ġie ripetut fid-Deċiżjoni Ministerjali ta' Nairobi tad-19 ta' Diċembru 2015 (WT/MIN (15)/44-WT/L/979). Din il-kwistjoni tista' tkun parti mill-programm ta' ħidma dwar l-appoġġ domestiku.
- **Restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-agrikoltura:** In-negozjati dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-agrikoltura, inkluż l-eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-Programm Dinji tal-Ikel, urew li parti kbira mill-membri tad-WTO jappoġġaw l-impenn li ma jigħux imposti restrizzjonijiet bħal dawn fuq xiri għal skopijiet umanitarji. Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, jenħtieġ li l-UE tkompli tappoġġa l-proposta għal Deċiżjoni Ministerjali dwar din il-kwistjoni, li tista' tikkostitwixxi element importanti ta' pakkett tas-sigurtà tal-ikel fl-MC12. Jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu maqbul.
- **Kompetizzjoni fl-esportazzjoni fl-agrikoltura:** Filwaqt li naraw il-ħtieġa li nftitxu titjib kemm fit-trasparenza kif ukoll fid-dixxiplini fil-kompetizzjoni fl-esportazzjoni, ir-realtà tan-negozjati turi li hemm biss interess limitat. Madankollu, hemm ftit ċans ta' progress fit-titjib fit-trasparenza għall-MC12. Fil-fatt, l-UE inkludiet diversi ideat f'dan ir-rigward fil-proposta kosponsorjata tagħna (JOB/AG/213) għal Deċiżjoni Ministerjali dwar it-titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura. Anki fil-qasam tal-kompetizzjoni fl-esportazzjoni, għaddej rieżami triennali tad-Deċiżjoni ta' Nairobi dwar il-Kompetizzjoni fl-Esportazzjoni (WT/MIN (15/45)) fil-Kumitat regolari għall-Agricoltura skont il-mandat fil-paragrafu 5 ta' dik id-deċiżjoni. L-iskop huwa li jigħu rieżaminati d-dixxiplini li jinsabu fid-deċiżjoni. Ġie maqbul li r-rieżami jiġi pospost għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat għall-Agricoltura f'Marzu 2022. Ftehim bħal dan jista' jeħtieġ deċiżjoni fil-livell Ministerjali fl-MC12. L-UE tappoġġa dan il-posponiment.

- **Aċċess għas-suq fl-agrikoltura:** Id-diskussjonijiet rigward in-negozjati dwar l-aċċess għas-suq fl-agrikoltura wrew li ma hemm l-ebda xewqa jew opportunità realistika għal kwalunkwe qawmien mill-ġdid tan-negozjati dwar it-tnaqqis tat-tariffi fid-WTO fi żmien qasir. Madankollu, uħud mill-Membri tad-WTO għamlu proposti li għandhom l-għan li jniedu n-negozjati wara l-MC12 inkluża proposta fil-qasam tas-simplifikazzjoni tat-tariffi li fiha l-kalkoli tal-Ekwivalenti *Ad Valorem* (AVEs). L-UE tara l-elementi ta' trasparenza bħala l-uniku eżitu possibbli fl-aċċess għas-suq. Dan jenħtieġ li jinkludi l-proposta (JOB/AG/212) mill-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada u l-Ukrajna dwar it-trasparenza fil-bidliet fit-tariffi applikati u t-trattament tal-oġġetti fi tranżitu, fejn l-UE tappoġġa. Jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu maqbul.
- **Mekkaniżmu ta' salvagwardja speċjali (SSM) fl-agrikoltura:** Minħabba d-diverġenza tal-pożizzjonijiet u n-nuqqas ta' impenn tal-Membri, ma hu mistenni l-ebda eżitu fl-MC12. Madankollu, l-UE għandha interess li tiżgura li l-SSM ma jiġix negozjat bħala element awtonomu, iżda pjuttost bħala parti min-negozjati usa' dwar l-aċċess għas-suq.
- **Rieżami tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji (TRO):** Jenħtieġ li d-diskussjonijiet dwar ir-rieżami tal-Fehim għal Dispożizzjonijiet Amministrattivi dwar il-Kwoti Tariffarji ta' Prodotti Agrikoli, kif definit mill-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura (WT/MIN (13)/39, WT/L/914) jilhqqu riżultat sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-kopertura mhux uguali attwali tad-deċiżjoni li teżenta lill-Istati Uniti u lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-mekkaniżmu f'każ ta' insuffiċjenza mhijiex aċċettabbli. Meta tqis li d-diskussjonijiet isiru fil-Kumitat regolari għall-Agrikoltura, huwa possibbli li jitqies eżitu fil-livell tal-Kunsill Ġenerali minflok eżitu Ministerjali. Jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu maqbul.
- **Qoton:** Minħabba d-diverġenza tal-pożizzjonijiet fin-negozjati, l-eżitu l-aktar probabbli għall-MC12 ikun xi titjib fit-trasparenza. L-UE inkludiet idea dwar it-trasparenza fil-qoton fil-proposta kosponsorjata tagħna (JOB/AG/213) għal Deċiżjoni Ministerjali dwar it-titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura.
- **LDCs u SDT:** In-negozjati dwar id-dispożizzjonijiet tal-SDT huma parti mid-DDA u eżitu possibbli fl-MC12 jista' jiċċara d-dispożizzjonijiet eżistenti jew jagħti SDT addizzjonali għall-grupp tal-LDC u possibbilment Membri vulnerabbli oħra tad-WTO. Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu maqbul.
- **Notifiki:** Fid-dawl tal-ħtieġa li jittejbu t-trasparenza u l-konformità mar-rekwiżiti ta' notifika eżistenti, l-UE ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali dwar Proċeduri għat-Tisħiħ tat-Trasparenza u t-Titjib tal-Konformità mar-Rekwiżiti ta' Notifika skont il-Ftehimiet tad-WTO (JOB/GC/204/Rev.7). In-negozjati jinsabu għaddejjin u jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu maqbul.
- **Tħassib kummerċjali:** Filwaqt li tfittex li ssaħħaħ l-effettività tal-ħidma tal-kunsilli u l-kumitati regolari tad-WTO, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsiderazzjoni tat-tħassib kummerċjali, l-UE ppreżentat proposta lid-WTO rigward Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali dwar Linji Gwida Proċedurali għall-Kunsilli u l-Kumitati tad-WTO li Jindirizzaw it-Tħassib Kummerċjali (WT/GC/W/777/Rev.6). In-negozjati jinsabu għaddejjin u jenħtieġ li l-UE tappoġġa eżitu maqbul.

Billi bħalissa għaddejjin negozjati dwar l-elementi kollha msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tistenna li l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni tiegħu rigward il-pożizzjoni tal-UE dwar l-eżitu tan-negozjati ladarba s-sitwazzjoni rigward it-testi rilevanti tkun ċara matul il-Konferenza Ministerjali stess.

L-inizjattiva hija kompletament konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti. Tħejjew deċiżjonijiet simili għal Konferenzi Ministerjali tad-WTO preċedenti, inkluż l-aktar waħda riċenti għall-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-2017.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta’ *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”*³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Konferenza Ministerjali tad-WTO hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim tad-WTO, li skont l-Artikolu IV:1 tal-Ftehim tad-WTO għandha l-awtorità li tiegħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha koperti taħt kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet kummerċjali multilaterali, inkluż id-deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali.

L-atti previsti msemmija hawn fuq jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali, peress li dawn jistgħu jaffettwaw id-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti jirrigwardaw il-politika kummerċjali komuni, peress li d-deċiżjonijiet previsti possibbli dwar kwistjonijiet tad-DDA jaqgħu taħtu.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 TFUE.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Marrakesh li jstabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("il-Ftehim tad-WTO") kien konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994⁴ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.
- (2) Skont l-Artikoli IV:1 u IX:1 tal-Ftehim tad-WTO, il-Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") tista' tadotta deċiżjonijiet b'konsensus.
- (3) Il-Konferenza Ministerjali tad-WTO, matul it-12-il laqgħa tagħha bejn it-30 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru 2021, tista' tadotta deċiżjonijiet dwar is-sussidji tas-sajd, kummerċ u saħħa, miżuri relatati mal-proprjetà intellettuali, kif previst fil-Ftehim TRIPS fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19 u pandemiji oħra, titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura, appoġġ domestiku fl-agrikoltura, żamma pubblika għal skopijiet ta' sigurtà tal-ikel, restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-agrikoltura, inkluż l-eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-Programm Dinji tal-Ikel, kompetizzjoni fl-esportazzjoni fl-agrikoltura, aċċess għas-suq fl-agrikoltura, mekkaniżmu ta' salvagwardja speċjali (SSM) fl-agrikoltura, rieżami tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji (TRQ), qoton, LDCs u SDT, notifikati u tħassib kummerċjali.
- (4) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO, billi d-deċiżjonijiet huma vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) In-negozjati tas-sussidji tas-sajd huma parti mill-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA) u ġew identifikati bħala prijetà fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 Mira 6 ("SDG 14.6") tan-Nazzjonijiet Uniti maqbula mill-Kapijiet tal-Istati fl-2015 u mid-Deċiżjoni Ministerjali tad-WTO tat-13 ta' Diċembru 2017 (WT/MIN(17)/64). Minħabba l-importanza tal-kwistjoni għall-kummerċ u għall-iżvilupp sostenibbli, u l-fatt li l-Unjoni kienet waħda mill-proponenti, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.
- (6) Id-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet ta' Kummerċ u Saħħa bdew fl-2020 bi proposta ta' 13-il pajjiż tal-istess fehma (l-hekk imsejjaħ "Grupp Ottawa") fid-WTO (WTO/GC/223) tal-24 ta' Novembru 2020 biex jintlaħaq qbil dwar "Inizjattiva

⁴ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

Kummerċjali u tas-Saħħa” b’rispons għall-pandemiji attwali u futuri. L-UE kienet fost il-proponenti oriġinali tal-inizjattiva. Proposta riveduta għal Abbozz ta’ Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ġenerali ġiet ippreżentata fid-WTO fil-15 ta’ Lulju 2021 (WT/GC/W/823) rigward ir-rispons tal-politika kummerċjali għall-pandemija tal-COVID-19 u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra pandemiji futuri. Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu f’dan il-qasam.

- (7) In-negozjati dwar miżuri relatati mal-proprietà intellettuali, kif previst fil-Ftehim TRIPS, fiċ-ċirkostanzi ta’ pandemija, inkluża l-pandemija tal-COVID-19, huma parti mid-diskussjonijiet li għaddejjin fid-WTO dwar kif is-sistema kummerċjali tista’ ttejjeb l-aċċess globali għall-vaċċini kontra l-COVID-19 u t-terapewtika. Fil-21 ta’ Mejju 2021, għadd ta’ Membri tad-WTO ppreżentaw komunikazzjoni bi proposta riveduta għal eżenzjoni minn ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS għall-prevenzjoni, it-trażżin u t-trattament tal-COVID-19 (IP/C/W/669/Rev.1) lill-Kunsill tad-WTO tat-TRIPS. Fl-4 ta’ Ġunju 2021, l-Unjoni ppreżentat komunikazzjoni dwar rispons urġenti tal-politika kummerċjali għall-kriżi tal-COVID-19 lill-Kunsill Ġenerali tad-WTO (WT/GC/231) u komunikazzjoni dwar rispons urġenti tal-politika kummerċjali għall-kriżi tal-COVID-19: proprjetà intellettuali lill-Kunsill tad-WTO tat-TRIPS (IP/C/W/680). Fit-18 ta’ Ġunju 2021, l-UE ppreżentat Komunikazzjoni b’abbozz ta’ Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika fiċ-ċirkostanzi ta’ pandemija (IP/C/W/681) lill-Kunsill tad-WTO tat-TRIPS, li għandha l-għan li tiċċara jew tiffaċilita l-użu tas-sistema ta’ liċenzjar obligatorja prevista fil-Ftehim TRIPS, sabiex din taħdem bl-aktar mod effiċjenti possibbli fiċ-ċirkostanzi ta’ pandemija. Minħabba l-importanza ta’ din il-kwistjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu f’konformità mal-Komunikazzjonijiet tal-UE msemmija hawn fuq. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-UE tkun flessibbli biżżejjed biex tqis in-natura dinamika tal-proċess li għaddej ibbażat fuq it-test inkluż fir-rigward tal-istrument użati mill-Konferenza Ministerjali. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-UE tibqa’ miftuħa li taċċetta elementi oħra li għandhom l-għan li jtejbju jew jissimplifikaw l-użu tal-flessibbiltajiet eżistenti previsti fil-Ftehim TRIPS fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19, pandemiji oħra jew ċirkostanzi oħra ta’ urġenza relatati mas-saħħa pubblika li Membri oħra tad-WTO jistgħu jipproponu.
- (8) In-negozjati dwar it-titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura bħala kwistjoni trasversali kisbu attenzjoni mġedda matul il-pandemija tal-COVID-19 minħabba l-kontribut tagħha biex il-flussi kummerċjali jinżammu miftuħa. It-trasparenza hija element essenzjali biex jiġu mmonitorjati l-obbligi skont il-Ftehim dwar l-Agricoltura, biex jiġu infurmati n-negozjati u biex jiġu żgurati swieq agrikoli u kummerċ ġusti, effettivi u reżiljenti. Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, l-Unjoni flimkien mal-Kanada, il-Ġappun u l-Istati Uniti ressqu proposta għal Deċiżjoni Ministerjali dwar it-titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura (JOB/AG/213) u għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.
- (9) In-negozjati dwar appoġġ domestiku li joħloq distorsjoni kummerċjali huma inkorporati fl-Artikolu 20 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agricoltura u kienu parti mill-mandat tad-DDA, kif imnaqqax fid-Dikjarazzjoni Ministerjali ta’ Doha tal-14 ta’ Novembru 2001 (WT/MIN(01)/DEC/1). Minħabba d-diverġenza tal-pożizzjonijiet fin-negozjati, l-UE tara bħala eżitu possibbli, programm ta’ ħidma wara l-MC12 dwar riforma tal-appoġġ domestiku li joħloq distorsjoni kummerċjali. Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.
- (10) In-negozjati għandhom l-għan li jintlaħaq ftehim dwar “soluzzjoni permanenti” li tissodisfa l-għan stabbilit fid-Deċiżjoni Ministerjali ta’ Bali tas-7 ta’ Diċembru 2013

dwar Ħażna Pubblika għal Skopijiet ta' Sigurtà tal-Ikel (WT/MIN(13)/38-WT/L/913), kif interpretata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2014 (WT/L/939) sussegwenti. Dan l-għan ġie ripetut fid-Deċiżjoni Ministerjali ta' Nairobi tad-19 ta' Diċembru 2015 (WT/MIN (15)/44-WT/L/979). Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul. Din il-kwistjoni tista' tkun parti mill-programm ta' ħidma dwar l-appoġġ domestiku.

- (11) In-negozjati dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-agrikoltura, inkluż l-eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-Programm Dinji tal-Ikel, urew li parti kbira mill-membri tad-WTO jappoġġaw l-impenn li ma jiġux imposti restrizzjonijiet bħal dawn fuq xiri għal skopijiet umanitarji. Minħabba l-proposta għal Deċiżjoni Ministerjali dwar din il-kwistjoni u l-fatt li din hija element importanti tal-pakkett tas-sigurtà tal-ikel fl-MC12, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.
- (12) Bħalissa għaddej rieżami triennali tad-dixxiplini fid-Deċiżjoni ta' Nairobi dwar il-Kompetizzjoni fl-Esportazzjoni (WT/MIN(15)/45) fil-Kumitat regolari għall-Agricoltura skont il-mandat fil-paragrafu 5 ta' dik id-deċiżjoni. Ġie maqbul li r-rieżami jiġi pospost għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat għall-Agricoltura f'Marzu 2022. Ftehim bħal dan jista' jeħtieġ deċiżjoni fil-livell Ministerjali fl-MC12. L-UE tappoġġa dan il-posponiment. Barra minn hekk, id-diskussjonijiet urew ċertu interess tas-Sħubija fit-titjib fit-trasparenza fil-kompetizzjoni fl-esportazzjoni. Fil-fatt, l-UE inkludiet diversi ideat f'dan ir-rigward fil-proposta kosponsorjata tagħha (JOB/AG/213) għal Deċiżjoni Ministerjali dwar it-titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura. Minħabba li l-Unjoni kienet waħda mill-proponenti, jenħtieġ li hija tappoġġa eżitu maqbul.
- (13) Id-diskussjonijiet rigward in-negozjati dwar l-aċċess għas-suq fl-agrikoltura wrew li ma hemm l-ebda xewqa jew opportunità realistika għal kwalunkwe qawmien mill-ġdid tan-negozjati dwar it-tnaqqis tat-tariffi fid-WTO fi żmien qasir. Madankollu, uħud mill-Membri tad-WTO għamlu proposti li għandhom l-għan li jniedu n-negozjati wara l-MC12 inkluża proposta fil-qasam tas-simplifikazzjoni tat-tariffi li fiha l-kalkoli tal-Ekwivalenti *Ad Valorem* (AVEs). L-UE tara l-elementi ta' trasparenza bħala l-uniku eżitu possibbli fl-aċċess għas-suq. Dan jenħtieġ li jinkludi l-proposta (JOB/AG/212) mill-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada u l-Ukrajna dwar it-trasparenza fil-bidliet fit-tariffi applikati u t-trattament tal-oġġetti fi tranżitu, fejn l-UE tappoġġa. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.
- (14) Id-diskussjonijiet dwar il-Mekkaniżmu ta' Salvagwardja Speċjali (SSM) fl-agrikoltura komplew skont il-proposti ppreżentati u d-Deċiżjoni Ministerjali ta' Nairobi (WT/MIN (15)/43 — WT/L/978). Minħabba d-diverġenza tal-pożizzjonijiet u n-nuqqas ta' impenn tal-Membri, ma hu mistenni l-ebda eżitu fl-MC12. Madankollu, l-UE għandha interess li tiżgura li l-SSM ma jiġix negozjat bħala element awtonomu. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu dwar is-SSM biss jekk dan jiffurma parti min-negozjati usa' dwar l-aċċess għas-suq.
- (15) Jenħtieġ li d-diskussjonijiet dwar ir-rieżami tal-Ftehim għal Dispożizzjonijiet Amministrattivi dwar il-Kwoti Tariffarji ta' Prodotti Agrikoli, kif definit mill-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agricoltura (WT/MIN (13)/39, WT/L/914) jilhqur riżultat sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-kopertura mhux uguali attwali tad-deċiżjoni li teżenta lill-Istati Uniti u lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-mekkaniżmu f'każ ta' insuffiċjenza mhijiex aċċettabbli. Meta tqis li d-diskussjonijiet isiru fil-Kumitat regolari għall-Agricoltura, huwa possibbli li jitqies eżitu fil-livell tal-Kunsill Ġenerali minflok eżitu Ministerjali. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.

- (16) Id-diskussjonijiet dwar il-qoton komplew fil-qafas stabbilit fil-paragrafi 5, 6 u 7 tad-Deċiżjoni Ministerjali ta' Bali dwar il-Qoton (WT/MIN (13)/41 - WT/L/916) u fil-paragrafu 14 tad-Deċiżjoni Ministerjali ta' Nairobi dwar il-Qoton (WT/MIN (15)/46 - WT/L/981). Minħabba d-diverġenza tal-pożizzjonijiet fin-negozjati, l-eżitu l-aktar probabbli għall-MC12 jista' jkun xi titjib fit-trasparenza. Jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.
- (17) In-negozjati dwar id-dispożizzjonijiet tat-Trattament Speċjali u Differenzjali huma parti mid-DDA u eżitu possibbli fl-MC12 jista' jiċċara d-dispożizzjonijiet eżistenti jew jagħti SDT addizzjonali għall-grupp tal-LDC u possibbilment Membri vulnerabbli oħra tad-WTO. Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul.
- (18) Id-diskussjonijiet dwar in-notifiki għadhom għaddejjin fil-Kunsill Ġenerali fir-rigward tal-proposti dwar Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali dwar Proċeduri għat-Tisħiħ tat-Trasparenza u t-Titjib tal-Konformità mar-Rekwiżiti ta' Notifika skont il-Ftehimiet tad-WTO (JOB/GC/204/Rev.7). Minħabba l-importanza li jitjiebu t-trasparenza u l-konformità mar-rekwiżiti ta' notifika eżistenti u r-rwol tal-Unjoni bħala waħda mill-proponenti tal-proposta, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul f'dan il-qasam.
- (19) Id-diskussjonijiet dwar tħassib kummerċjali għadhom għaddejjin fil-Kunsill Ġenerali fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar il-Linji Gwida Proċedurali għall-Kunsilli u l-Kumitati tad-WTO li Jindirizzaw Tħassib Kummerċjali (WT/GC/W/777/Rev.6). Minħabba l-importanza tat-tisħiħ tal-effettività tal-ħidma tal-kunsilli u l-kumitati regolari tad-WTO, b'mod partikolari fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tat-tħassib kummerċjali u r-rwol tal-Unjoni bħala waħda mill-proponenti tal-proposta, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa eżitu maqbul f'dan il-qasam.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-12-il sessjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO għandha tkun:

Li tissieħeb mal-konsensus milħuq fost il-Membri tad-WTO bil-ħsieb li jiġu adottati deċiżjonijiet dwar is-sussidji tas-sajd, kummerċ u saħħa, miżuri relatati mal-proprjetà intellettuali, kif previst fil-Ftehim TRIPS fiċ-ċirkostanzi tal-pandemija tal-COVID-19 u pandemiji oħra, titjib fit-trasparenza fl-agrikoltura, appoġġ domestiku fl-agrikoltura, żamma pubblika għal skopijiet ta' sigurtà tal-ikel, restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fl-agrikoltura, inkluż l-eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-Programm Dinji tal-Ikel, kompetizzjoni fl-esportazzjoni fl-agrikoltura, aċċess għas-suq fl-agrikoltura, mekkaniżmu ta' salvagwardja speċjali (SSM) fl-agrikoltura, rieżami tad-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji (TRQ)⁵, qoton, LDCs u SDT, notifiki u tħassib kummerċjali.

⁵ Wara li kkunsidra l-Artikolu IV:2, it-tieni sentenza tal-Ftehim tad-WTO, dan jinkludi konsensus possibbli milħuq fost il-Membri tad-WTO dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-Rieżami tal-Ftehim għal Dispożizzjonijiet Amministrattivi dwar il-Kwoti Tariffarji ta' Prodotti Agrikoli, kif definit fl-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar l-Agricoltura (WT/MIN(13)/39, WT/L/914) (id-Deċiżjoni ta' Bali dwar il-Kwoti Tariffarji (TRQ)) f'laqgħa tal-Kunsill Ġenerali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*